MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-25 ta' Ġunju, 2018

Rikors Numru 442/2018 LM

**Wara l-mandat ta' sekwestru numru 3/2017 fl-ismijiet:**

**Richard Attard (K.I. 510158M) u**
**Newco Steel Ltd (C 11310)**

***vs.***

**Mark Anthony Barbara (K.I. 69683M) u**
**Josette Barbara Cardona (K.I. 261185M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tas-sekwestrata **Josette Barbara Cardona** minn issa 'l quddiem "is-sekwestrata"), *ai termini* tal-artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12, li jgħid kif ġej:

*Illi r-rikorrent ippreżenta dan il-mandat ta' sekwestru u konsegwentement kienu ssekwestrati l-kontijiet kollha tal-konvenuta u ta' żewġha l-konvenut l-ieħor.*

*Illi l-esponenti bħalissa qiegħda tagħmel kors ta' Ph.D. u ċioè Doctorate of Social Studies mal-Università ta' Leicester, l-Ingilterra (Dok. JBC 1);*

*Illi l-esponenti kienet ħadet scholarship biex tagħmel dan il-kors;*

*Illi l-esponenti tirċievi flus għal dan il-kors mingħand il-Ministeru tal-Edukazzjoni biex tkun tista' tħallas il-fees tal-Università msemmija;*

*Illi dan l-aħħar, daħal pagament fil-kont tal-Bank HSBC numru 054-110713-050, biex tkun tista' tħallas il-pagament tal-Università li jmiss;*

*Illi mingħajr dawn il-flus, hija ma tistax tħallas il-pagament u jekk ma tħallasx il-pagament, hija ser titlef kollox;*

*Illi jekk ma jkunx għal dawn il-flus li hija tingħata mill-Ministeru kif fuq imsemmi, hija ma taffordjax tagħmel dan il-kors;*

*Illi l-esponenti ma kellha xejn x'taqsam ma xi kwistjonijiet li seta' kien hemm bejn ir-rikorrent Richard Attard u żewġha Mark Anthony Barbara, għaliex jekk kien hemm, dawn kienu qabel ma l-esponenti żżewġet lil Mark Anthony Barbara. Il-partijiet iżżewġu fis-6 ta' Novembru, 2011.*

*Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, u dan ai termini tal-artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tirrevoka parti mill-mandat numru 3/2017, u tordna li l-kont mal-Bank HSBC numru 054-110713-050, liema kont huwa f'isem l-esponenti, jkun rilaxxat minn tali mandat, u dan għar-raġunijiet fuq imsemmija, u dan taħt dawk il-provvediment li jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat ir-risposta tas-sekwestranti **Richard Attard (K.I. 510158M)** u **Newco Steel Ltd (C 11310)** minn issa "is-sekwestranti"), li ġiet ippreżentata fil-11 ta' April, 2018, li biha rrispondew:

*Illi l-esponenti ntavolaw il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju surriferit, flimkien ma' kawża enumerata 1116/2016, liema kawża qiegħda tinstema' quddiem l-Onorevoli Imħallef Dott. L. Mintoff, kif ikkonfermat mid-digriet hawn anness u mmarkat bħala Dokument A;*

*Illi preliminarjament, ir-rikors odjern ai termini tal-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jispeċifika kjarament li kellu jiġi intavolat quddiem dik il-Qorti li preżentement qiegħda tisma' l-kawża;*

*Illi l-esponenti qegħdin jiċċitaw testwalment l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipula s-segwenti:*

(1) *Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qieħda tittratta dik il-kawża, li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*

(a) *Li l-att kawtelatorju m'għadux aktar fis-seħħ;*

(b) *Li waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti;*

(c) *Li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni; jew*

(d) *Jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew*

(e) *Jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun biżżejjed; jew*

(f) *Jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.*

*Illi in vista tal-premess din l-Onorabbli Qorti għandha tastjeni mill-atti tar-rikors odjern, u l-esponenti umilment jirrilevaw li l-intimati ma segwewx il-proċedura stabbilita fl-artikolu hawn ċitat.*

*Illi fit-tieni lok, u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti qegħdin jintavolaw is-segwenti sottomissjonijiet:*

- *Illi huwa sorprendenti kif l-esponenti intavolat tali rikors oltre sena wara, in segwitu għall-ħruġ tal-mandat surriferit, liema fatt ipoġġi serjament in dubbju il-veraċità tas-sottomissjonijiet imressqa mill-esponenti. Fil-fatt il-mandat surriferit ġie intavolat fil-bidu tas-sena 2017, filwaqt li dan ir-rikors ġie intavolat fis-26 ta' Frar, 2018;*
- *Illi tali fatt evidentement jindika li l-esponenti mhux ser isofri preġudizzju irrimedjabbli stante li ħalliet oltre sena sabiex tintavola r-rikors odjern;*
- *Illi di più, u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti jirrilevaw li l-allegazzjonijiet kontenuti fil-kontromandat ma ġewx ikkonfermati bil-ġurament,*

*u inoltre fi kwalunkwe każ, tali allegazzjonijiet huma mertu tal-proċeduri pendenti enumerati 1116/2016. Illi wara kollox in-negozju mal-esponenti sar mir-rikorrenti u żewġha entrambi;*

*Għaldaqstant, in vista tal-premess, l-esponenti filwaqt li jagħmlu referenza għall-premess, jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talba kontenuta fir-rikors odjern, filwaqt li jżomm viġenti l-mandat kawtelatorju enumerat 3/2017 fl-intier tiegħu, u dan taħt dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma xierqa u opportuni.*

Rat l-atti kollha ta' dan ir-Rikors.

Semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Mejju, 2018, fejn ħalliet ir-rikors għal provvediment li qed jingħata llum.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Il-partijiet għandhom pendenzi oħrajn bejniethom, li wasslu lis-sekwestranti (li huma l-atturi fil-kawża prinċipali li għadha pendenti bejn il-partijiet) jikkawtelaw l-jeddijiet pretiżi minnhom permezz ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 3/2017 li laqat il-kontijiet bankarji kollha tas-sekwestrati Josette Barbara Cardona u tar-raġel tagħha Mark Anthony Barbara. Fost il-kontijiet bankarji tas-sekwestrata, hemm kont partikolari li fih is-sekwestrata tirċievi fondi mingħand il-Gvern ta' Malta bħala ħlasijiet perjodiċi għal borża ta' studju li hi rebħet, sabiex tkun tista' ttemm l-istudji tagħha fil-livell ta' dottorat f'università barranija. Jidher li dan il-kont

partikolari għandu konness miegħu kont ieħor ta' Visa, li s-sekwestrata tuża biex tkun tista' tħallas il-miżati tal-università barranija fejn hi qiegħda tkompli l-istudji tagħha.

Il-mandat ta' sekwestru mressaq mis-sekwestranti li permezz tiegħu huma ħasbu sabiex jikkawtelaw d-drittijiet tagħhom, laqat ukoll dan il-kont bankarju, bil-konsegwenza li s-sekwestrata ma tistax tagħmel użu mill-fondi hemm iddepożitati sabiex tħallas għall-istudji tagħha, bir-riskju li din jista' jkollha tieqaf milli tkompli tistudja mal-università barranija li hi rreġistrata magħha.

Dan ir-rikors tressaq *ai termini* tal-artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12, sabiex permezz tiegħu s-sekwestrata titlob ir-revoka parzjali tas-sekwestru li sar mis-sekwestranti, *stante* li skont is-sekwestrata hemm biżżejjed raġunijiet *prima facie* li l-ammont mitlub mis-sekwestranti mhux ġustifikat jew hu eċċessiv.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Il-Qorti semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, u kkunsidrat id-dokumenti li ġew esebiti mill-avukat difensur tas-sekwestrata. Jidher ċar li l-kont inkwistjoni, dak miżmum fl-HSBC Bank (Malta) p.l.c. bin-numru 054-110713-050, huwa kont li jintuża biss sabiex fih is-sekwestrata tirċievi flus mill-Gvern ta' Malta, b'rabta mal-borża ta' studju mogħtija lilha taħt l-iskema magħrufa bħala 'MGSS'. Dawn il-flejjes jintużaw minnha esklussivament sabiex isiru l-ħlasijiet perjodiċi tal-miżata fl-Università ta' Leicester fejn hija għadha qiegħda tistudja. Huwa evidenti li dawn il-flejjes

ma jistgħux jintużaw għall-ebda skop ieħor, kif ukoll li mingħajr il-flus li hi tirċievi b'din il-borża ta' studju, is-sekwestrata mhix ser tkun f'pożizzjoni li tkompli bl-istudji tagħha meta jidher li kienet diġà ilha għadd ta' snin li bdiet id-dottorat inkwistjoni, u għaldaqstant ser jinħoloq *hardship* lis-sekwestrata li tista' ssib ruħha f'sitwazzjoni fejn ikollha interruzzjoni fil-pjanijiet għall-karriera tagħha.

## Konsiderazzjonijiet legali

Il-Qorti tqis li l-proċedura *ai termini* tal-artikolu 836 tal-Kap. 12 hija maħsuba biex tkun waħda sommarja, u li l-evalwazzjoni li trid tagħmel hi dik jekk mad-daqqa t'għajn jirriżultalhiex li min jagħmel il-mandat ta' sekwestru kkawtelax il-jeddijiet tiegħu b'mod eċċessiv meta laqat il-kontijiet bankarji kollha tas-sekwestrata. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li jkun xieraq li tissellef minn dak li diġà qalet f'imkejjen oħra, senjatament fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta' kontromandat fl-ismijiet **DOM Communications Ltd *vs.* Office Group Ltd,** fejn din il-Qorti stabbiliet illi:

> "... fir-rigward tal-proċeduri li jsiru *ai termini* tal-artikolu 836, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara li hija bl-ebda mod ma tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-qrati tagħna, il-proċedura maħsuba fl-artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' *prima facie.* Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Camilleri *vs.* Gové et**, deċiża fl-10 ta' Mejju, 2001, b'dan il-kliem:
>
>> "mid-dispożizzjoni tal-Art. 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' *prima facie* u dan għaliex il-mandat kellu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali fil-kawża proprja."

F'deċiżjoni oħra mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta, fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 1235/2015 fl-ismijiet **Gaetano Abdilla et *vs.* Bianco Charles et,** il-Qorti stabbiliet illi:

> "L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab ir-revoka. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv. Illi dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipji li d-dritt għal azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha sakemm il-jedd sostantiv ikkontestat jiġi definit minn Qorti (vide **Vincent Mercieca *vs.* George Galea,** 29 ta' Novembru, 2011, u **Technobroadcast srl *vs.* Mediterrenean Broadcasting Limited,** tal-5 ta' Ġunju, 2007)."

Is-sekwestrata qiegħda tibbaża t-talba tagħha prinċipalment fuq il-fatt li bl-iffriżar tal-kontijiet bankarji kollha li għandhom is-sekwestrati (li huma l-konvenuti fil-kawża fil-mertu), l-ammont pretiż mis-sekwestranti huwa eċċessiv u dan kif jidher mad-daqqa t'għajn. Mill-provi prodotti jidher li dan il-kont huwa wieħed b'użu speċifiku u partikolari ħafna, dak li l-flus li jiġu ddepożitati fih mill-Gvern ta' Malta jintużaw biex titħallas il-miżata ta' università barranija. Il-Qorti tqis illi tali fondi, li wara kollox huma fondi maħruġa mill-erarju pubbliku, li l-Gvern ipoġġi għad-dispożizzjoni ta' studenti Maltin sabiex jiffaċilitalhom l-istudji tagħhom barra minn Malta, m'għandhomx ikunu milquta mill-effetti ta' mandat ta' sekwestru bħal dan. Huwa f'dan ir-rigward li l-ammonti milquta minn dan il-Mandat huma 'eċċessivi' u dan għaliex bħalma persuna għandha dritt għal ammont minimu ta' flus sabiex tkun tista' tgħix u tkompli l-ħajja ta' kuljum bihom, hekk ukoll flejjes intiżi għall-edukazzjoni tal-persuna m'għandhomx jiġu

affettwati minn mandat bħal dan, mhux lanqas għaliex m'għandhiex tinħoloq tbatija żejda lis-sekwestrata, li ser tispiċċa f'sitwazzjoni fejn ikollha tiddeċiedi jekk tistax tkompli bl-istudji tagħha jew le, u dan meta huwa ċar li s-sekwestranti m'għandhomx bżonn jissekwestraw wkoll dan il-kont bankarju partikolari sabiex il-jeddijiet tagħhom jkunu kkawtelati.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba tas-sekwestrata u tordna li l-flejjes depożitati mill-Gvern ta' Malta fil-kont bankarju li għandha s-sekwestrata ma' HSBC Bank (Malta) plc bin-numru 054-110713-050 bħala parti mill-is*scholarship* mogħti lis-sekwestrata Josette Barbara Cardona għall-istudji dottorali tagħha mal-Università ta' Leicester, l-Ingilterra, jiġu meħlusa mill-effetti tal-mandat ta' sekwestru numru 3/2017 fl-ismijiet Richard Attard et *vs.*Mark Anthony Barbara et.**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura għandhom jitħallsu mis-sekwestranti.**

Moqrija.